**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 109/17 CZ**

**Raymond Camilleri (ID 365656 (M)**

**vs.**

**Clint La Rosa (ID 538587 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fis-6 ta' Marzu 2017 li permezz taghha premetta:

> Ir-rikorrenti qed jitlob lil dan l-Onor. Tribunal jordna lill-intimat iħħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) rappreżentanti:

(i) Bilanċ ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) dovut lir-rikorrenti in linea ma' ftehim li sar bejn il-partijiet nhar l- 20 ta' Ġunju, 2016 (*vide* **DOK B** anness) u li jikkonċerna vettura tat-tip *Ford Mustang*. Fl-imsemmija skrittura l-partijiet qablu illi l-intimat kellu jirrifondi lir-rikorrenti l-imsemmija somma fejn ingħad: ''*1,500 shall be paid at a later stage''* iżda minkejja interpellat bosta drabi, l-intimat baqa' inadempjenti;

(ii) Kif ukoll spejjeż ta' ħsarat u tiswijiet illi r-rikorrenti kellu jagħmel kaġun ta' difett latenti li rriżulta fil-vettura in kwistjoni, u wkoll nuqqas t'aċċessorji inklużi mal-vettura mixtrija mir-rikorrenti;

(iii) Spejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Ġunju, 2016 (Nru: 1935/2016) u wkoll mal-ittra interpellatorja datata l- 1 ta' Settembru, 2016, dik datata t- 13 ta' Settembru, 2016, kif ukoll dik datata s- 26 ta' Jannar, 2017.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi permezz ta' risposta mressqa fit-30 ta' Marzu 2017, il-konvenut wiegeb:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-bilanc fl-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1500) mitluba mill-attur ma hux dovut stante li l-ftehim li gie anness mal-Avviz tal-attur bhala Dok A jirrigwarda vettura ohra (Ford Mustang 1965 Craigslist listing 5631491349 *b'licence plate no. 487CGW*) li effettivament ma gietx mixtrija mill-attur;

3. Illi effettivament il-vettura li giet mixtrija mill-attur hija l-Ford Mustang (*licence plate no. 5GBE232*) hekk kif indikat fil-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dokument LA 1;

4. Illi l-intimat jirrespingi l-allegazzjonijiet ta' spejjez ta' hsarat u tiswijiet li l-attur allega li ghamel kagun ta' xi difett latenti fil-vettura u nuqqas t'accessorji mal-vettura mixtrija;

5. Illi inoltre l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni;

6. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li l-attur jipprova d-danni li qed jilmenta li huwa sofra;

7. Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimat dejjem informa lill-attur dwar l-istat tal-vettura li kien ser jixtri, li ghandha 'l fuq minn hamsin sena, u li ma hijiex l-istess vettura li referenza ghaliha saret mill-attur fil-kuntratt anness mal-Avviz tat-Talba bhala Dok B;

8. Illi l-vettura li fil-fatt inbieghet u li ma hijiex il-vettura ndikata fl-Avviz tat-Talba, giet mibjugha *tale quale*, kif ra u accetta l-istess attur mir-ritratti li gew mibghuta mis-surveyor imqabbad mill-intimat fuq struzzjonijiet tal-attur;

9. Illi l-intimat kien qieghed izomm kuntatt regolari mal-attur permezz ta' telefonati, ritratti u messaggi via Facebook, estratti ta' liema qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dokument LA2 sa LA32;

10. Illi l-ebda imghax ma huwa dovut fuq ammont *da liquidarsi*;

11. Inoltre, l-intimat ezegwixxa diversi servizzi lill-attur, liema servizzi jammontaw ghall-bilanc favur l-intimat ta' elfejn u disa' ewro (€2,009.00), u dan skond fattura fuq riferita bhala Doument LA1;

12. Illi ghaldaqstant qieghda titressaq kontro-talba ghall-ammont ta' elfejn u disa' ewro (€2,009.00) li huwa dovut mill-attur lill-intimat;

13. Bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Salv eccezjonijiet ohra.

Illi l-konvenut prevalixxa ruhu mir-risposta moghtija sabiex prezenta wkoll kontro-talba, fejn premetta:

Illi l-intimat rikonvenzjonant qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna lill-attur rikonvenjonat sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn u disa' Ewro (Ewro 2,009.00) li jirrapprezenta l-bilanc ghall-servizzi ta' surveyor fuq inkarigu tal-istess attur rikonvenzjonat, u dan skond fattura datata 22 ta' Awwissu 2016, annessa bhala Dokument LA 1, u dan sabiex finalment giet akkwistata l-Vettura Ford Mustang (*licence plate no 5GBE232*) li nbieghet lill-attur rikonvenzjonat u li l-istess attur rikonvenzjonat

ghazel u accetta, liema komunikazzjonijiet u ritratti tal-vettura huma annessi u mmarkati bhala Dokument LA2.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur rikonvenzjonat.

Illi l-attur rikonvenzjonat wiegeb ghal din il-kontro-talba permezz ta' risposta mressqa fid-19 t'April 2017, fejn qal:

1. Illi bir-rispett kollu, dak pretiż fil-kotro-talba tal-intimat, bħal dak eċċepit mill-istess intimat għall-avviż intavolat mill-esponenti huwa kollu infondat fil-fatt u wkoll fid-dritt stante illi l-intimat rikonvenzjonant m'għandu jieħu ebda ammont ta' flus mingħand l-esponenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ir-rikorrenti rikonvenzjonat qatt ma talab lill-intimat rikonvenzjonant jinkariga lil ħadd u dejjem ftiehem mal-istess intimat innifsu u mal-ebda terza persuna oħra, għalhekk kwalunkwe inkarigu lil terzi, hu responsabbli għalih biss l-intimat riknvenzjonant u l-esponenti m'għandux ibati spejjeż tiegħu;

Qal ukoll illi:

> Ma hemmx qbil min-naħa tal-esponenti, rikorrenti rikonvenzjonat, la dwar l-eċċezzjonijiet tal-intimat rikonvenzjonant, u lanqas dwar il-kontro-talba tal-istess intimat, u dan għar-raġunijiet ġja mogħtija sia fit-talba intavolata mill-esponenti, u sia fir-risposta għall-kontro-talba tal-esponenti.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema’ t-trattazzjoni bil-fomm ta’ l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob hlas ta’ tlett’elef Euro (€3,000) minghand il-konvenut konsistenti f’bilanc ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500) relatat ma’ bejgh ta’ karozza, u ammonti ohra minfuqa minnu ghal tiswija ta’ hsarat u difetti li sab fil-karozza mixtrija minghand il-konvenut, kif ukoll spejjez ghall-proceduri odjerni.

Il-konvenut ukoll qed jippretendi li ghandu jithallas elfejn u disa’ Euro (€2,009) ghal spejjez maghmula fl-interess ta’ l-attur sabiex inxtrat karozza.

Illi t-Tribunal ra **l-affidavit ta’ l-attur**[1], fejn qal illi kellu vettura Corvette li xtaq ibieghha u minflokha jgib Ford Mustang. Kien kellem lill-konvenut u dan kien qallu li kien hemm bniedem li kien lest jixtri l-Corvette. Fil-frattemp il-partijiet ghamlu ftehim li permezz tieghu l-attur kellu jixtri minghand il-konvenut il-Ford Mustang ghal sbatax-il elf Euro (€17.000), u kellu jiehu lura elf u hames mitt Euro (€1,500), peress li l-Corvette kienet tiswa daqstant iktar.

Illi l-attur beda jfittex il-karozzi ghall-bejgh mill-internet, u l-konvenut kemm-il darba kien jaqtaghlu qalbu dwar il-karozzi li kien jurieh minhabba li skond ta’ l-ahhar kienu ha jigu jiswew hafna, tant li f’certu punt l-attur talbu s-somma shiha ta’ tmintax-il elf u hames mitt Euro (€18,500) lura. F’dan il-punt, il-konvenut sab karozza li kienet f’Californnia u kienet tiswa ghaxart’elef dollari Amerikan ($10,000). L-attur accetta din

[1] Fol. 55

il-karozza ghax kien ilu zmien twil jistennieha. L-attur qal li l-istereo u l-air cleaners rahom fil-bagoll tal-karozza fuq ir-ritratti, izda meta l-vettura waslet Malta, il-konvenut ghaddieha lill-attur minghajr dawn l-accessorji. Apparti dan, il-Mustang ghandu difetti fil-hgieg li jridu jitrangaw.

Illi meta l-attur jitlob l-elf u hames mitt Euro (€1,500) lura lill-konvenut, dan jghidlu biex jinsihom, ghaliex il-Mustang swieh il-flus. L-attur zied jghid illi huwa ma kellux ihallas spejjez jekk il-konvenut qabbad lil xi hadd iehor biex jahdem fuq dan il-bejgh. In **kontro-ezami**[2], l-attur qal li l-ftehim kien li kellu jitla' l-konvenut jara l-vettura, izda mbaghad inqalghatlu problema, u ma kienx tela' hu. Dwar il-Mustangs l-ohra li kien urieh il-konvenut, l-attur qal li dawn ma kinux tajbin. Dwar il-hgieg tal-vettura, l-attur qal li ma setax jinduna bid-difett fihom ghaliex fir-ritratti l-hgieg kien imnizzel. L-attur qal ukoll li l-affarijiet neqsin kien ordnahom u ghandu d-dokumenti. L-attur qal ukoll illi l-kuntratt li hemm esebit jirreferi ghall-karozza li ghandu llum. L-attur qal ukoll[3] li l-ispejjez tas-surveyor, il-konvenut ivvintahom wara li nfethet din il-kawza. Zied illi Rachel Scorfna ma kinitx tkun prezenti ghan-negozjati.

Illi xehed ukoll **Jeffrey Scicluna**[4], li qal li kien xtara l-Corvette ta' l-attur ghal tmintax-il elf u hames mitt Euro (€18,500), wara l-intervent tal-konvenut.

Illi xehed ukoll **il-konvenut**[5], li qal li kien biegh Corvette lill-attur, u wara xi sentejn kien rega' mar ghandu biex ibieghu. Qal li mbaghad ftiehem ma' l-attur li l-Corvette, li sadanittant kien instab bejgh taghha, kienet tiswa tmintax-il elf u hames mitt Euro (€18,500). Qal li saru diversi kuntratti, u l-Mustang li ha l-attur fil-fatt kienet il-hames wahda, u fuq din il-karozza ma kienx sar kuntratt. Qal ukoll illi l-ispiza ta' elfejn u disa'

---

[2] Fol. 66
[3] Fol. 88
[4] Fol. 64
[5] Fol. 68

Euro (€2,009) kienet spiza li kellha tithallas lis-surveyor biex ra l-karozza. Il-konvenut qal ukoll illi fil-bagoll tal-karozza, meta giet, kien hemm kaxxa bajda, li pero' hadd ma kien jaf x'fiha. Dwar il-hgieg, il-konvenut irrikonoxxa illi jekk il-hgieg ma kienx tal-Mustang, kellhom jaqilghuh, u bir-rikavat jinxtara hgieg gdid. Dwar l-accessorji, il-konvenut qal li l-accessorji li l-attur kien ra fil-bagoll ta' karozza fir-ritratti ma kienx jaf jekk kinux qed jirreferu ghall-bagoll tal-karozza li effettivament gie impurtata. Qal ukoll illi l-attur kien iffirma aktar minn zewg (2) kuntratti, izda l-ammont kellu jibqa' ta' tmintax-il elf u hames mitt Euro (€18,500). Meta rega' xehed[6], il-konvenut qal li d-dokument qal li d-dokument a fol. 73 mhuwiex dokument li jirreferi ghall-istess karozza li nxtrat fil-verita'. Dan japplika wkoll ghad-dokument a fol. 4.

It-Tribunal ra wkoll id-dokumenti a fol. 72 et seq., fol 78 et seq., u fol. 93.

Illi xehdet ukoll **Rachelle Scorfna**[7], li hija l-gharusa ta' Clint La Rosa, u li gieli kienet tkun prezenti waqt in-negozjati ghall-Ford Mustang. Qalet illi l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex ifittixlu din it-tip ta' karozza, u kienu nstabu hames karozzi ta' din ix-xorta, u l-konvenut kien kull darba jibghat surveyor biex jarahom. Qalet ukoll illi l-attur qatt ma ffirma kuntratt fuq il-vettura li giet effettivament mibjugha.

Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:

Illi jirrizulta illi l-attur ried jixtri karozza Ford Mustang u avvicina lill-konvenut.

[6] Fol. 90
[7] Fol. 77

Illi l-konvenut kien ghamel l-arrangament sabiex tinbiegh il-karozza li kellu l-attur, u ftehmu fuq karozza Ford Mustang li kellha tigi tiswa sbatax-il elf Euro (€17,000). Filwaqt li ghall-karozzi ta’ qabel li kienu qed jintwerew lill-attur mill-konvenut, kien qed isir kuntratt bil-miktub kull darba, ghall-karozza li effettivament giet impurtata u mibjugha fil-kaz in kwestjoni ma kien hemm ebda kuntratt miktub, ghajr li jirrizulta pacifikament li l-partijiet ftehmu fuq l-istess linji tal-kundizzjonijiet li kien hemm bejniethom bl-iskritt qabel, u cioe’ li din kellha tiswa sbatax-il elf Euro (€17,000), u apparti li jghaddilu l-karozza, il-konvenut kellu jghaddi lill-attur is-somma ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500) li kienet tammonta ghad-differenza fil-valur bejn kemm kienet tiswa l-vettura Mustang u dak li kienet tiswa l-Corvette.

Illi dwar din is-somma ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500), jirrizulta illi din kienet dovuta perfettament, gialadarba rrizulta lit-Tribunal li l-ftehim ta’ bejn il-partijiet kien propju dan.

Kwantu ghas-somma ta’ elf u hames mitt Euro l-ohra (€1,500) li jiffurmaw parti mit-talba fil-kawza odjerna, l-attur qed jittenta jiggustifika din it-talba billi sahaq illi l-karozza kellha xi accessorji neqsin, illi hu kien rahom fir-ritratti li kien baghatlu l-konvenut. Dawn l-accessorji jikkonsistu fi stereo u air cleaner.  It-Tribunal ra bir-reqqa r-ritratti li esebixxa l-konvenut stess u mir-ritratt a fol. 34 verament jirrizulta li hemm air cleaner f’dak li jidher li hu bagoll, flimkien ma’ kaxxa bajda maghluqa u xi accessorji ohra. Jirrizulta ghalhekk illi ladarba fir-ritratti kienu qed jidhru dawn l-accessorji, u dawn intbaghatu bil-hsieb li tinbiegh il-karozza li kienu qed juru l-istess ritratti, dawn l-accessorji kellhom ikunu inkluzi fl-oggett mibjugh.  L-attur isostni illi dawn l-accessorji li kienu neqsin il-valur taghhom jaqbez l-elf u hames mitt Euro (€1,500).

Illi l-attur qed jippretendi wkoll illi jithallas sitt mitt Euro (€600) sabiex jibdel il-hgieg tal-vettura, minhabba li dak li giet bih ma kienx il-hgieg originali, u minhabba li fir-riratti

li kien urieh il-konvenut, dan il-hgieg kien imnizzel u ma jidhirx. Il-konvenut accetta li dan il-hgieg kellu jinbidel, izda bil-kundizzjonijet li ghamel hu, li lill-attur m'ghogbuhx. L-attur ma gab l-ebda prova li dan il-hgieg jiswa sitt mitt Euro (€600), u meta gie mistoqsi in kontro-ezami[8] qal li l-affarijiet ordnahom, u ghandu d-dokumenti. Intant pero', ma gie prezentat l-ebda dokument mill-attur sabiex jaghmel prova tal-valur ta' dawn l-oggetti, kemm tal-hgieg, kif ukoll ta' l-istereo u l-air cleaner. Min-naha l-ohra, izda l-konvenut lanqas ma gab xi prova li b'xi mod turi illi l-oggetti in kwesjoni ma jiswewx daqstant. It-Tribunal jiddikjara izda illi filwaqt illi t-talba ta' sitt mitt Euro (€600) ghall-hgieg hija gustifikata, it-talba tal-bilanc, u cioe' disa' mitt Euro (€900) ghal stereo u air cleaner hija esagerata, u ghal dawn iz-zewg oggetti qieghed arbitrio boni viri jistabbilixxi valur ta' mija u ghoxrin Euro (€120) ghall-air cleaner u mitejn u hamsa w sebghin Euro (€275) ghall-istereo.

Illi dwar l-allegazzjoni ta' difetti latenti, l-Artikolu 1424 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.

Id-disposizzjoni ta` wara u cioe` l-**Art.1425** tghid hekk:

> Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, ***illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu.***

Fil-kaz li jirrizulta difett mohbi, il-ligi taghti lill-bejjiegh ghazla ta` zewg azzjonijiet. Jew l-azzjoni redibitorja. Jew l-azzjoni stimatorja. Fil-kaz tal-lum, l-atturi ghazlu l-*actio aestimatoria* u cioe` li skond l-**Art.1427** izommu il-haga u jitolbu lura dik il-bicca mill-prezz li tkun stabbilita mill-Qorti. Il-ligi tintroduci terminu ghall-bejjiegh illi jagixxi li jghodd ghaz-zewg azzjonijiet.

L-**Art.1431** ighid hekk:

[8] Fol. 67

(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.
(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

Illi kif intqal fis-sentenza *Matthew Dimech et vs. Joanne Camilleri*,[9]

> .......dak li huwa rilevanti mhuwiex x`jahseb haddiehor sabiex id-difett isir apparenti (u allura ma jibqax mohbi) izda l-kriterju determinanti huwa jekk ix-xerrej setax isir jaf bid-difett WAHDU.
>
> Mela ladarba rrizulta li l-atturi ma setghux jirriskontraw id-difett wahedhom ghax ma kienx jidher (kif ikkonfermat l-istess konvenuta), huwa rrilevanti li maghhom kien hemm persuna teknika li setghet taghmel accertamenti ohra li kienu jmorru oltre s-semplici kostatazzjoni *de visu*.

Illi t-Tribunal qed jifhem illi l-azzjoni illi qed jaghmel l-attur meta jinvoka d-difetti latenti hija dik *aestimatoria*. Illi fil-kaz in kwestjoni, l-attur ma setax jara d-difett wahdu, ghaliex kif indika hu, il-hgieg tal-karozza kien imnizzel. Iktar minn hekk, il-konvenut allega li kien baghat surveyor biex jaghmel l-accertamenti fuq il-vettura u dan ma ndikalu xejn dwar il-hgieg. Ghalhekk l-elementi ta' l-azzjoni proposta mill-attur jezistu u tista' tirnexxi.

Illi dwar it-tielet talba ghall-ispejjez ghall-ittra ufficcjali, u l-ittri interpellatorji, it-Tribunal ha jipprovdi dwar dan iktar 'il quddiem.

Illi kwantu ghall-kontro-talba, fl-ewwel lok il-konvenut ma gab l-ebda prova illi l-attur kien specifikament istruwieh sabiex jinkariga xi surveyor biex jaralu l-karozzi. Ghall-kuntrarju l-attur isostni illi kellu jmur jara l-karozza l-konvenut stess. Il-partijiet qablu fuq prezz, u dak il-prezz kellu jirraprezenta kull ma kien mehtieg sabiex il-vettura tasal ghand l-attur, tant illi fil-kuntratti li kienu ghamlu (fosthom dak a fol. 4), kien dejjem jissemma illi l-karozza ha tinbiegh bil-pjanci ta' registrazzjoni Maltin bhala karozza

[9] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Marzu 2012

klassika. Dan ifisser li inkluz fil-prezz kien hemm spejjez ohra li ma kinux jinkludu biss il-prezz tal-vettura nfisha. Il-konvenut kellu kull dritt li jinkludi fl-imsemmi ftehim kundizzjoni dwar is-surveyor ukoll, izda dan m'ghamlux. F'dan il-punt, il-konvenut rikonvenzjonant invoka l-applikabilita' ta' Artikolu 1361 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula:

> 1361. (1) L-ispejjeż tal-atti u l-ispejjeż l-oħra li jindaħlu fil-bejgħ, fosthom dawk li jsiru għall-ħelsien ta' immobbli minn Fedekommessi jew minn ipoteki, servitù jew piżijiet oħra li għalihom l-immobbli jkun suġġett, skont id-dispożizzjonijiet migjubin fit-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili , ibatihom ix-xerrej.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx li dan l-artikolu huwa applikabbli ghall-kaz odjern, ghax dan l-artikolu qed jitkellem dwar spejjez li huma <u>necessarji</u> sabiex isir il-bejgh, u mhux fakultattivi, bhal ma kienet, f'dan il-kaz, l-allegata ghazla li jigi inkarigat surveyor biex jispezzjona l-karozza.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi l-attur sema' b'dan is-surveyor biss wara illi ghamel il-kawza lill-konvenut. Ghalkemm il-konvenut qal li kien ikellem lill-attur dwar dan is-surveyor, anke b'mezzi elettronici, ma gab l-ebda prova ta' dan. L-unika prova dokumentarja rilevanti ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant huwa d-dokument a fol. 80 tal-process, li fih hemm imsemmija hames (5) karozzi, u taht kull wahda hemm imnizzla numru ta' mili (mileage). It-Tribunal ma jistax iqis pero' dan id-dokument bhala kredibbli, ghaliex la hemm prova ta' min hejjieh u lanqas ma huwa b'xi mod awtentikat jew iffirmat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, kwantu ghat-talba originali, filwaqt li jilqa' limitatament is-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' parzjalment it-talbiet ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn, erba'

mija u hamsa u disghin Euro (€2,495), u kwantu ghall-kontro-talba, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat, jichad it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant. L-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 1935/16, jithallsu kwantu ghal disgha minn ghaxra mill-konvenut jew konvenut rikonvenzjonant, u wiehed minn ghaxra mill-attur jew attur rikonvenzjonat. L-imghax ghandu jithallas mill-konvenut, kif mitlub.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur